# AKTAR PERLI
## {INQAS PIŻELLI}

FIT-TIENI NOFS TAS-SEKLU 20, IR-RUMANZIERA TAGĦNA TBIEGĦDU MIR-ROMANTIĊIŻMU TAL-KITTIEBA TA' QABILHOM (DISKUSSI FL-AĦĦAR ĦARĠA TA' *ENCORE*) U PPREŻENTAW NARRATTIVI LI FIL-BIĊĊA L-KBIRA TAGĦHOM JITTRATTAW PROTAGONISTI ŻGĦAŻAGĦ F'TIFTIXA TAL-IDENTITÀ TAGĦHOM INFUSHOM FUQ DIVERSI LIVELLI (IL-LIVELLI SOĊJALI, MORALI, PSIKOLOĠIĊI U L-BQIJA) FEJN IKOLLHOM IĦABBTU WIĊĊHOM MA' DIVERSI OSTAKLI. DAN INISSEL FIHOM SENS TA' DUBJU U TA' ĦTIJA, TAQLIB MENTALI U IŻOLAMENT. **ĦUMA ĠRAJJIET LI X'AKTARX IL-QARREJJA, ANKE DAWK TAL-LUM, ISIBUHOM RILEVANTI GĦAX B'XI MOD JISTGĦU JIDENTIFIKAW ĦAJJITHOM MAGĦHOM. DAVID ALOISIO JAGĦŻEL L-AĦJAR RUMANZI MALTIN TAT-TIENI NOFS TAS-SEKLU 20**




### *Aħna Sinjuri* (1965) – Joseph J. Camilleri

Skont Lino Spiteri, dan ir-rumanz jitqies bħala l-ewwel rumanz soċjopolitiku modern fil-letteratura Maltija. *Aħna Sinjuri* ttratta diversi aspetti intimi tas-soċjetà Maltija mingħajr sens ta' inibizzjoni u mingħajr użu ta' ton didattiku – żewġ kwalitajiet komuni f'għadd ta' rumanzi preċedenti. Fi kliem Camilleri nnifsu, fir-rumanz hemm karattri "umani, ħajjin, nies tad-demm u l-laħam" sabiex jirrappreżentaw b'mod realistiku l-klassijiet soċjali f'Malta, karattri li għexu fil-kerrijiet, fit-tarzna, fil-funderija, fil-fabbrika ta' Ġorġ, sal-Port il-Kbir. Ir-rassenjazzjoni li biha kien aċċettat il-faqar tinħass li tirrita lil Camilleri u tikxef l-ironija fit-titlu ta' dan ix-xogħol. Ir-rumanz għandu t-tema ewlenija tal-imħabba – Marija u Ninu jinħabbu imma Marija tispiċċa tiżżewweġ raġel sinjur u Ninu jiżżewweġ mara twajba li ma jħobbx.

### *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* (1968) – Alfred Sant

Sant kompla jiżviluppa l-karatterizzazzjoni innovattiva li ħaddem Ellul Mercer meta fl-1938 ippreżenta l-karattru ta' Leli Braġ, l-ewwel antieroj Malti fil-letteratura Maltija, billi ħoloq il-karattru-antieroj ta' Raymond Portelli, żagħżugħ li minkejja li għex żmien wara, ħassu wkoll ħuta barra mill-ilma f'pajjiżu. Anke fis-sittinijiet, il-protagonist ħassu fgat mill-għeluq tal-mentalità tradizzjonali li kienet għadha tiddomina l-psike kollettiv. Dan huwa rumanz li jittratta proprju żmien l-adolexxenza, wieħed mill-aktar perjodi li fih il-bniedem iħossu bħal f'baħar imqalleb f'diversi aspetti tal-ħajja. Raymond ikun kostrett jieħu deċiżjonijiet iebsa, saħansitra fl-aħħar jaqtagħha li jitbiegħed mill-*comfort zone* tiegħu u jemigra, 'il bogħod minn Malta u mill-irbit li timplika. Bħal Leli, Raymond ipprefera jħaddan l-inċertezza milli jibqa' marsus fil-gaġġa soċjali u psikoloġika.

### *F'Għajn ix-Xemx* (1971) – Francis Ebejer

Dan ir-rumanz kien oriġinalment ippubblikat bl-Ingliż fl-1969 bit-titlu *In the Eye of the Sun*. It-traduzzjoni għall-Malti tal-1971 saret minn Oliver Friggieri. Hawn, Ebejer joħloq il-karattru ċentrali ta' Joseph – student tal-mediċina b'potenzjal qawwi li eventwalment, mogħmi bil-ħajja materjalista ta' dawk li jifilħu jgħaddu ħajjithom jilagħqu x-xemx, jabbanduna l-ħajja universitarja. Għall-ewwel isib xogħol bħala għassies f'fabbrika tax-xemgħat sakemm jispiċċa jiġġerra ħafi f'Ħad-Dingli, raħal twelidu. Bħall-antieroj fir-rumanzi kontemporanji l-oħra, Joseph jinqata' f'eremitaġġ 'il bogħod minn għajn ix-xemx sabiex jikkontempla fuq il-passat u fuq il-qagħda mwiegħra tal-preżent, kemm għalih kif ukoll għal pajjiżu li bil-mod il-mod qiegħed jinqered tort tal-progress u tat-turiżmu.

### *L-Isqaq* (1971) – Ġużè Chetcuti

Dan ir-rumanz rebaħ il-premju tal-Gvern għall-aħjar rumanz tas-sena 1971. Bħar-rumanz ta' J. J. Camilleri, *L-Isqaq* jagħti ritratt realistiku tas-soċjetà Maltija f'nofs is-seklu 20. F'dan ir-rumanz soċjali jispikka r-realiżmu mqaxxar fid-deskrizzjoni tal-karattri u tal-ambjent li jgħixu fih. Għall-kuntrarju ta' Sant, awtur ġdid li ppubblika l-ewwel rumanz tiegħu tliet snin qabel dan, Chetcuti ma ħassx li għandu jeżamina l-qagħda ta' karattru wieħed. F'*L-Isqaq*, Chetcuti jippreżenta karattri tipiċi Maltin tal-klassi 'l-baxxa' li flimkien jiffurmaw grupp wieħed. Minħabba t-trattament stilistiku u tematiku li ħaddem l-awtur, xi kritiċi jqisu dan ir-rumanz bħala l-eżempju klassiku tar-rumanz Neoromantiku Malti.

### *Il-Gaġġa* (1971) – Frans Sammut

Fl-1970 Pawlu Mizzi waqqaf il-Klabb Kotba Maltin u *Il-Gaġġa* kien l-ewwel ktieb fis-sensiela tal-Klabb. *Il-Gaġġa* huwa meqjus mill-kritiċi ewlenin bħala l-ewwel rumanz tassew psikoloġiku fil-letteratura Maltija. Ir-rumanz jibda bl-istqarrija assertiva ta' Fredu Gambin, in-narratur-protagonist tar-rumanz: "Jiena jien," frażi awtodefinittiva li tinħakem minn sens ta' dubju u angst meta Fredu jelaboraha, "l-'jien' huwa maqsum f'mitt elf biċċa." Dan il-kliem jintroduċi lill-qarrejja għat-tema tal-kriżi personali u psikoloġika li tiddomina dan ir-rakkont ta' żagħżugħ li bħal Raymond, il-protagonist ta' *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*, jagħżel l-awtoeżilju bħala tentattiv iddisprat sabiex jinħeles mill-'gaġġa' li jħossha qed toħonqu. Wara l-qari tar-rumanz il-qarrejja għandhom jixtarru din l-esperjenza rrakkuntata fl-ewwel persuna u jistaqsu lilhom infushom mil-liema gaġġa Fredu tassew ipprova jaħrab minnha.

### *Samuraj* (1974) – Frans Sammut

Fl-1974 jitnieda l-'Premju Rothmans għal-Letteratura' mill-Moviment Qawmien Letterarju u Frans Sammut jirbaħ il-premju fit-taqsima tal-kitba kreattiva bir-rumanz *Samuraj*. It-triq li beda Ġużè Ellul Mercer titkompla b'eċċellenza minn Sammut bil-ħolqien ta' antieroj ieħor li jħossu ħuta barra mill-ilma f'raħal b'ħafna nies li ma jridux jaħsbu. Hawn ukoll is-solitudni tal-protagonist hija msieħba minn sens ta' superjorità tal-individwu li jinqata' fi klassi għalih, donnu xi Samuraj. Dan l-awtoeżilju huwa kkawżat mill-kuxjenza sensibbli tiegħu li tagħraf l-injoranza tal-folla rasha iebsa u l-perikli li timplika kemm għaliha stess kif ukoll għall-individwu li jixtieq jgħix b'sens ta' awtonomija u privatezza. Fi kliem Mario Azzopardi, "Samwel is-Samuraj għalhekk isir l-eremit maqtugħ, il-bniedem li jitbiegħed għan-naħa tal-periferija, l-emarġinat li jisfiduċja lir-raħal kollettiv, l-imnebbaħ li ma jridx jitħallat mal-kumplament."












### *Taħt il-Weraq tal-Palm* (1974) – Trevor Żahra

Fl-1974 dan ir-rumanz psikosoċjali rebaħ il-konkors tar-rumanzi mniedi mill-Klabb Kotba Maltin. Robbie, il-protagonist-antieroj bħal Fredu Gambin ta' *Il-Gaġġa*, iħossu maqbud fil-gaġġa soċjali u psikoloġika. Ix-xebh ma' rumanzi kontemporanji tinħass ukoll fis-'soluzzjoni' aħħarija għall-qagħda mentali mqallba tal-protagonist żagħżugħ: bħal Samwel f'*Samuraj*, it-tmiem tar-rumanz u tal-antieroj nnifsu huwa wieħed traġiku. Interessanti li f'dawn ir-rumanzi Moderni tibqa' tiddomina l-influwenza diretta jew indiretta ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* – il-pijunier li introduċa lill-antieroj fil-letteratura Maltija. Bħal fil-każ ta' Leli, in-nies ta' madwar it-tfajjel Robbie wkoll ħasbu li xi darba għad isir saċerdot. Imma għarralhom. Bħal Leli, Robbie jġarrab l-imħabba u t-tradiment li jtellfulu l-paċi mentali fl-ambjent tal-familja u tax-xogħol.

### *Il-Gidba* (1977) – Oliver Friggieri

F'*Il-Gidba* tiġi ppreżentata t-tema tas-separazzjoni konjugali u l-ħajja diffiċli li jkollu jaffaċċja min eventwalment "ipoġġi". Hawn tiddomina l-folla impersonali (magħmula minn ħafna nies "ilkoll xorta, kważi jixxiebhu anke f'wiċċhom") li bil-'gidba' li tgħix fiha tirrendi diffiċli l-ħajja tal-antieroj li jittanta jgħix kif jgħidlu moħħu u mhux skont il-preskrizzjoni ta' soċjetà li tidentifika lilha nnifisha mal-użanzi u mar-ritwali reliġjużi tagħha. Għalhekk, ma jistax jonqos li r-relazzjoni ta' Natan u Rebekka tqanqal furur f'komunità bħal din. Mena, karattru ipokrita li minbarra tidher mara tar-ruħ, tkun l-ewwel waħda li tmur tirrapporta din l-imġiba 'illeċita' u skandaluża lill-kappillan, il-karattru-tip li f'ħafna rumanzi Moderni jirrappreżenta l-awtorità morali rigoruża tar-raħal Malti. Natan, bħal Samwel f'*Samuraj*, jiġi ppersegwitat mis-soċjetà għaliex jgħix ma' mara mingħajr il-barka sagramentali. Wara s-separazzjoni minn ma' Anna, huwa jfittex li jgħix f'raħal ieħor imma lanqas hawn ma seta' jeħles mill-ħakma soffokanti tar-reliġjożità tal-poplu.

### *Dal-Lejl Ġie Alla* (1984) – Paul P. Borg

Fl-1984 Paul P. Borg rebaħ il-konkors tar-rumanzi mniedi mid-ditta Bugelli b'dan ir-rumanz psikoloġiku. Tliet karattri ewlenin jistennew il-miġja ta' xi alla f'ħajjithom – stennija ossessiva li tiżolahom soċjalment. Kieli u ibnu Marju, mimlijin biża' t'Alla, għandhom spiritwalità korrotta bl-influwenzi negattivi ta' soċjetà psewdoreliġjuża. Il-biża' t'Alla ironikament wasslet għall-biża' min-nies u għaldaqstant għat-telfien ta' ħajja diċenti msejsa fuq l-interazzjoni soċjali. Flok is-superstizzjoni, Altea (il-maħbuba ta' Marju) tagħżel li tintilef wara l-mitoloġija u tistenna lill-alla Żews sabiex ħajjitha tibda tagħmel sens. Silvio, ir-raba' protagonist, bin Marju u Altea, huwa differenti mill-bqija – huwa l-antieroj dipressiv li ma jċedix għall-forzi superjuri li jiddominaw il-psike tal-bqija.

### *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri* (1986) – Oliver Friggieri

Friggieri ħoloq il-karattru interessanti ta' Karlu Manju li l-personalità tiegħu tinbet mill-konfront bejn il-ħajja ta' bniedem sempliċi u onest u l-ħajja skandaluża 'tal-parlament' li ironikament aktar ittellef milli tgħin lill-individwu onest milli 'jiffjorixxi' f'pajjiżu stess. Il-protagonist, maqbud f'din id-djalettika ta' ħakkiem u maħkum u nieqes minn kull setgħa politika, juża l-moralità Nisranija bħala għodda ta' protesta – biha jeħodha kontra Malta ta' issa li ma jixtieqx bit-tama li fil-ġejjieni terġa' tħaddan il-valur tal-imgħoddi. Karlu Manju jħoss li Malta mhijiex verament tal-Maltin. Xi darba kienet tal-Gran Mastri, imbagħad għaddiet taħt il-Gvernaturi u issa tinsab f'idejn l-Onorevoli.